MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 294/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Eman Ebejer**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Eman Ebejer, ta' 25 sena, iben Joseph u Mary xebba Zammit, imwieled Pieta` nhar il-25 ta' Awwissu 1985, residenti 17, Millenium, Triq San Pietru, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 439685(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Marzu 2011 u fix-xahrejn ta' qabel:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett, talli b'hekk kiser ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. A. Vella) datata 16 ta' Frar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi li kienu tressqu fil-kawza sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li l-istess imputat kkopera mal-Pulizija, u in oltre illi ghalkemm il-fedina penali aggornata tieghu mhijiex wahda netta, lanqas ma hija wahda allarmanti. Dan apparti l-fatt illi l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tal-imputat kien wiehed minimu. In oltre mit-trattazzjoni dwar il-piena, irrizulta illi l-imputat ghamel programm mal-Agenzija Sedqa ghar-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga u jidher illi llum hareg mill-vizzju u rriforma ruhu.

Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jidhrilhiex li jkun idoneu illi titratta mal-imputat dwar it-tieni imputazzjoni ossia talli kiser *Probation Order* moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz ta' sentenza datata 16 ta' Frar 2009, anke ghaliex kemm il-darba l-Qorti tittratta mal-imputat, ma jkollhiex ghazla ohra hlief illi timponi piena ta' prigunerija effettiva fir-rigward tar-reati li ghalihom huwa kien inghata l-Ordni ta' *Probation*. Kif inghad, fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li dan ikun idoneu. Madankollu, l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt fir-rigward tal-piena li ser tigi nflitta dwar l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula tikkundannah ghal piena ta' multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir

mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut miinnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti m’hijiex qeghda tittratta mal-hati dwar il-ksur tal-*Probation Order* moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Frar 2009, kif fuq inghad.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument VA1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------